Minuti tas-seduta numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2020 on line fuq Skype fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier* |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier* |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Marco Scerri | Amministratur tal-Uffiċċju |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

* Is-Sur Ian Farrugia daħal on line fis-7.30pm u ħareġ is-Sur Rudolph Grima.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**16.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** — **Ittri ta' Aploġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**15.02 Minuti tas-seduta numru** — **Minuti**

Il-minuti kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu intbgħatu minn ħamest ijiem qabel mal-agenda. Is-Sur Matthew Chetcuti kellu żieda li se jgħaddiha bil-miktub dwar l-eżodu tal-laqgħat li qed isiru mir-Reġjun Tramuntana: cctv, festival tan-nar u l-materjal dwar ir-Rabat fuq il-*website* tar-Reġjun. Il-minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sur Matthew Chetcuti u issekondati mis-Sra Doris Coleiro u dawn kienu approvati b'vot unanimu.

**Punti mill-Minuti**

**CCTV cameras**

Is-Sur Matthew Chetcuti semma is-**cctv li se jkunu installati mir-Reġjun** Tramuntana u qal illi fil-każ tar-Rabat fejn qed ikun propost illi dawn ma jkunux fit-toroq iżda fil-ġonna, il-LESA mhux se tkun qed tieħu ħsiebhom filwaqt illi għall-kull *camera* se jkun hemm *maintenance agreement* ta' bejn Eur 600 u Eur 1000 fis-sena.

***Remote control key***

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi r-*remote control key* tal-bieb tal-garaxx tal-binja l-mikrija tal-KLR fi Triq Inguanez issa ġiet riżolta.

Dwar il-pjanijiet għall-Baħrija, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi wara li ħdimna pjan tat-traffiku mal-kumitat tat-traffiku, issa l-proġett tal-Baħrija li jrid jiġi diskuss hu dak tat-twaqqif ta' uffiċċju addizzjonali li jopera b'mod limitat. Għal dan, hemm l-għażla illi jew jiġi inkorporat fil-ġnien tal-Pjazza tal-Baħrija jew inkella billi nieħdu parti żgħira mill-ġnien li se jkun mibni quddiem il-Knisja. Dwar din il-proposta kien hemm diskussjoni għaliex is-Sur Nazju Cassar qal illi hu ma jaqbilx illi jinfetaħ uffiċċju fil-Baħrija. Intant is-Sindku qal illi issa l-ħaddiema tagħna jistgħu tal-inqas jiftħu tlett ijiem fil-ġimgħa, u dan hu possibbli għaliex kulħadd qed jaħdem b'sistema ta' *lap tops* u l-istess persuna tkun tista tieħu l-ilmenti ecc. Għall-fehma ta' kunsillieri illi l-Baħrija, għada pitgħada tista' tiġi Kunsill Lokali għaliha minħabba l-espansjoni tagħha, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hu ma jaċċettax li tkun għalih, u mhux bħal meta kienet inqatgħet f'Kunsill Lokali għaliha l-Imtarfa - li hija parti mir-Rabat. **Baħrija**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem ukoll dwar id-dwal tal-Knisja li ħareġ il-fondi għalihom il-KLR. Informa lill-kunsillieri illi issa fadal il-*final touches* biex tinxtehel il-Knisja u għandu laqgħa mar-Rettur, Fr Ray Francalanza dwar dan. Żied jgħid illi l-KLR se jdura ukoll ir-*Road Marking*, tabelli kif ukoll il-ħitan tas-sejjiegħ ecc.

**Refurbishment tal-latrina**

Dwar ir-*refurbishment* tal-latrna fi Triq il-Kulleġġ, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi wara li twaħħal il-madum kollu, issa jonqos li jeħlu s-sinkijiet, it-*toilets* u l-bibien. Kien hemm suġġeriment illi jitwaħħlu *gates* fid-daħliet tal-kmamar biex ħadd ma jkun jista' jabbuża u jħammeġ, minkejja li se jeħlu l-*cameras* tas-cctv.

**Vettura tal-kiri**

Dwar il-vettura tal-kiri, is-Sindku qal illi din qed titħaddem għal skopijiet soċjali biex ngħelbu l-faqar li ħakem bosta familji Rabtin minħabba l-imxija tal-Covid 19. Infatti, permezz ta' din il-vettura, qed jitqassam l-ikel lil bosta familji li huma intitulati għalih mill-*Foundation for the Wellbeing of Society*. Dwar atti karitatevoli simili, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hemm xi *Restaurants* bħal Gusmanna Navarra, li qed jagħti ikliet lill-fqar. Il-KLR kellu kliem ta' tifħir għal dawn l-eroj fis-sitwazzjoni preżenti.

**Restawr**

Dwar l-applikazzjoni tar-restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju ta' Santa Margerita, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi qed nistennew illi jiskattaw id-disgħin ġurnata mogħtija mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jinħareġ il-permess. Issemmiet f'dan l-istadju in-niċċa ta' Buqana li qed tokrob ukoll għar-restawr qabel ma tintilef għal kollox, bħalma ssemmiet ukoll, mis-Sur Chris Farrugia, il-ħidma biex jiġu restawrati il-*mile stones* u s-sinjali tal-propjeta'.

**EPOS**

Għal proposta li nissieħbu ma' KLi oħra permezz tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex nibdew noperaw ukoll permezz tal-EPOS biex niffaċilitaw l-ideja ta' pagamenti għal permessi ecc, is-SE qara r-rati tal-*commission* tal-BOV li se jkunu issussidjati. Hawn intqal illi bħalissa minħabba l-imxija tal-Covid 19, biex kemm jista' jkun innaqqsu l-kuntatt, indrat sew is-sistema tal-pagament permezz tat-24x7 billi jkunu depożitati l-fondi fil-kont tal-KLR stess direttament.

**Ġnien Bir Iljun**

Dwar l-evalwazzjoni għall-offerta pubblika tal-kostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun, is-SE qal illi l-Bord ta' Evalwaturi se jiltaqa' għada biex jiddiskuti l-klarifiki li kienu mistoqsija għalihom il-*bidders* u l-parti teknika li tikkonċerna l-elettriku kienet mgħoddija wkoll lill-Inġ Galea Curmi biex jiggwida lill-bord aħjar f'dan il-qasam.

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, se tagħlaq l-offerta pubblika tas-*Soft Areas* li kienet reġgħet ħarġet issa maqsuma f'*lots*. L-evalwaturi se jkunu dawk tas-soltu u qed nistennew li jkun hemm konkorrenza tajba għaliha mil-kuntratturi.

**Offerta tas-Soft Areas**

Il-KLR kien infurmat illi ma bqajniex għaddejjin bil-preparamenti għas-sejħa għall-ingaġġ ta' *Handyman* addizzjonali. Dan għaliex hemm ċansijiet kbar illi nibbenefikaw minn persuna li qed isservi fil-*Community Works Scheme* fil-futur qrib.

**Ingaġġ ta' Handyman**

L-offerta għar-Residents Care System għadna għaddejjin bil-preparamenti tagħha u se toħroġ dalwaqt.

**Residents Care System**

**Rampa**

Is-Sur Chris Farrugia semma' r-rampa llegali li saret hekk kif inksiet bit-tarmak Triq Inguanez quddiem propjeta' privata. Hawn intqal illi l-KLR se jkun qed jaġixxi hekk kif jiskatta ż-żmien li tajna lil dan l-individwu biex ineħħiha.

**Qtugħ tal-ħaxix fil-kampanja**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-kuntratt tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin fl-*outskirts*. Hu qal illi wara l-laqgħa li kellhom is-SE u s-Sur Kris Grech mal-kuntrattur, dan ingħata pjan imħejji sabiex ir-Rabat kollu jitlesta kull 10 ġimgħat. Dan ifisser illi l-ħaxix ser jibda' jinqata' erba' darbiet fis-sena.

**Appell**

Is-SE qal illi dwar id-deċiżjoni illi l-KLR iwaqqa' l-offerta pubblika tal-Ġbir ta' Skart mid-djar, skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwaturi stess, issa daħal appella mis-Sur Wilson Mifsud. Is-SE qal illi d-dettalji qed jiġu mgħoddija lill-PCRB. Ir-rappreżentant legali li se jkun qed jassistina se jkun Dr Richard Sladden filwaqt li se tinstema' wkoll ix-xhieda tas-Sur Paul Bugeja bħala ċ-Ċermen tal-istess Bord ta' Evalwaturi. Preżenti fiżikament biss se jkun is-SE u l-oħrajn kollha se jkunu on-line.

**16.03 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 26 u Ċedola tal-pagamenti numru 307**

**Ċedoli tal-ħlas u Works Order**

Il-KLR ikkunsidra l-iskedi fuq imsemmija u apprvahom b'vot unanimu skont kif kienu proponuti u ssekondati bl-ismijiet tal-kunsillieri murija fl-iskedi.

**16.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Is-Sur Nazju Cassar staqsa jekk nistgħux intellgħu iċ-ċnagan li ntefgħu għal isfel minn xi vandali u jinbnew mill-ġdid quddiem it-Tattingers biex ikun hemm uniformità peress li l-filata ta' fuq ġejja għat-tond. Dan fit-telgħa tas-Saqqajja.

**Coping ta' ħajt tal-kantun**

Is-Sur Ian Vassallo talab li jkun infurmat bl-iżvilupp fejn hemm il-proposta illi titwessa' l-parti ta' Vjal il-Ħaddiem kantuniera ma' Triq Tabija viċin iċ-Ċentru *Għajn*. Is-SE qal illi qed ninsistu biex ikun revedut l-*alignment* tat-triq minn TM, din il-parti tat-triq minħabba li t-triq tidjieq f'daqqa.

**Re-allignment ta' parti minn Vjal il-Ħaddiem**

Is-Sinjura Doris Coleiro semmiet il-bżonn li titnaddaf it-Triq tas-Sriedek bejn Buqana u l-Mosta. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus issuġġerixxa illi nkellmu lid-Direttur tal-Indafa Pubblika, is-Sur Ramon Deguara. **Tindif**

Is-Sur Chris Farrugia insista fuq il-proposta manutenzjoni fuq bankina madwar l-Istitut tal-Ursolini f'Tal-Virtu', kif ukoll biex titwaħħal mera fi Vjal il-Ħaddiem quddiem il-parkeġġ ftit 'l isfel minn Misraħ Suffara. Is-Sur Chris Farrugia issuġġerixxa biex isir ftit *patching* fi Sqaq Ħal Barka li tidħol għalih minn Triq Misraħ Suffara peress li hemm ħafna persuni li għandhom il-garaxxijiet hemm ġew. **Bankina f'Tal-Virtu'**

Is-Sur Matthew Checuti qal illi l-kuntrattur li qed jiġbor il-ħġieġ qed ifalli bosta toroq u dan qed jibqa' hemm għal diversi siegħat u anke ġranet. Semma' wkoll illi hemm pressa baxxa tal-ilma f'Landrijiet. **Kuntrattur tal-ġbir tal-ħġieġ u pressa baxxa tal-ilma**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, informa lill-kunsillieri illi għada 28 ta' Mejju fil-5.30pm se jkollna żjara fi Triq Santa Rita mill-Onor Aaron Farrugia, Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar, biex insebbħu l-ambjent. Hu qal illi l-iskop taż-żjara hija li kemm Sqaq San Katald kif ukoll Triq Santa Rita jiġu msebbħa bi xtieli u siġar indiġeni u hemm ċans illi nibbenefikaw minn Eur 12,000. Is-Sra Doris Coleiro qalet illi jixraq ukoll illi dan il-proġett jestendi ruħu sal-faċċata tal-*Polyclinic* tal-Gvern fl-istess inħawi. **Viżita' mill-Onor Aaron Farrugia fi Triq Santa Rita**

16.05 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2019** **Financial Statemnts 2019**

Dawn għadhom ma kienux ippreżentati lilna u għaldaqstant se ssir laqgħa apposta biex ikunu approvati fil-jiem li ġejjin.

16.06 **Tiġdid tal-Kuntratt ta' *Data Protection Officer* għal sena.** **DPO**

Il-KLR qabel unanimament illi għandu jiġġedded il-kuntratt għal sena oħra tad-*Data Protection Officer* mal-kumpanija Advocates Primei rappreentata minn Dr Demi Agius LLD.

16.07 **Restawr tal-Fanali (lanterni fuq iz-zuntier) tal-Parroċċa tar-Rabat** **Fanali tal-Pjazza tal-Parroċċa**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-fanali l-kbar ta' fuq iz-zuntier li hemm propju quddiem il-bieb tal-Knisja se naqalgħuhom u nirrestawrawhom wara li issa beda x-xogħol fuq iz-zuntier tal-Knisja minn Infrastruttura Malta.

16.08 **Rapport ta' *Performance* għas-sena 2019 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali** **Rapport mid-DLG**

Kien ippreżentat ir-rapport li intbgħat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u se tintalab klarifika għaliex din hija l-ewwel darba li konna pprovduti minn rapport simili.

16.09 **Rapport minn Green MT dwar skart irkuprat mill-iskema tar-riċiklaġġ** **Rapport minn Greenmt**

Kien ukoll analizzat ir-rapport tal-iskart riċiklat tal-Greenmt u l-KLR se jagħmel minn kollox biex jippromwovi aktar riċiklaġġ tal-iskart fir-Rabat fl-isfond illi għadhom jidħlulna rapporti li qed inbatu minn dak li hu rimi ta' skart speċjalment fil-kampanja.

**16.10** **Proġett ta' tisbieħ, immaniġġjar tat-traffiku u parkeġġ ta' Wesgħet il-Mużew** Wesgħet il-Mużew

Il-laqgħa *ad hoc* dwar il-parkeġġ f'Wesgħet il-Mużew immaterjalizzat u s-SE ipprepara l-punti u dawn kienu mqassma mal-agenda ta' din il-laqgħa. Matul din il-laqgħa inqalgħet diffikulta' bir-rampa għal persuni li jużaw siġġu tar-roti/*wheelchair,* bejn il-parkeġġ u l-*green verge* proposta quddiem il-ħwienet. Is-Sur Matthew Chetcuti qajjem din il-kwistjoni mas-CRPD biex din tkun riżolta.

**16.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Knis tat-Toroq Urbani** Knist ta' Toroq

Dan ir-rapport għadu ma wasalx għandna mill-Bord tal-Evalwazzjoni.

**16.12** **GiFluid 2019 – Interreg Italia-Malta** Gi Fluid 2019

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, ta iktar informazzjoni dwar il-proġett *Gi Fluid* tal-Programm *Interreg*. Hu qal illi hemm prospetti sbieħ li ninvestu fl-ilqugħ tal-ilma tax-xita speċjalment biex ikun imsebbaħ il-ġnien ta' quddiem il-Knisja ta' San Duminku minkejja li l-amministrazzjoni jridu li dawn il-flus ikunu investiti quddiem iċ-ċentru Għajn f'Għajn Qajjet.

**16.13** **Triq San Piju V – resurfacing** Tarmak

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-importanza illi tiġi asfaltata Triq San Piju V skont l-offerta pubblika li kienet inħarġet fi żmien il-leġislatura preċedenti. Hu qal illi kif issir din, hemm qbil minn Infrastruttura Malta se jiksu wkoll Triq San Trofimu u Triq Sant Aristarku. Hawn issemmew mis-Sur Chris Farrugia il-bżonn li jinksew ukoll kemm Triq il-Kulleġġ u Triq il-Konti Ruġġieru speċjalment biex ma jibqax jidħol l-ilma tax-xita fid-djar. Is-Sur Nazju Cassar semma' l-bżonn li tinkesa Triq Lawrenti sabiex tiffaċilita' aktar l-entratura lejn ir-Rabat peress li din hija aċċess ieħor importanti. Is-SE qal illi Infrastruttura Malta għadha kemm ksiet bil-konkos qalb ir-raba' t-triq magħrufa minn xi wħud bħala Tar-Rużarju / Ta' Brejdel / Ħofret ir-Rizz li twassal għall-Ħamri, filwaqt li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus aġġorna lill-kunsillieri illi wasalna biex inwettqu l-proġett tal-kisi bil-qatran L-Imtaħleb permezz ta' Miżura 4.3.

**16.14** **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar is-17 ta' Ġunju 2020 fl-istess ħin fuq l-istess pjattaforma elettronika u din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

| **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|---|
| Magħmula minn Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv | u approvati llum 17.6.2020 minn | Sandro Craus<br>Sindku |